**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 3 ta' Ġunju 2025

Każ Numru: 18/2020

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Kylie Borg)**
**(Spettur Stacy Attard)**

**Vs**

**Wayne Delia**

(Detentur tal-karta tal-identità bin-numru 574785(M))

**Il-Qorti**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat, Wayne Delia ta' 34 sena, iben Martin u Mandy xebba Warner, imwieled Pietà, nhar il-21 ta' Novembru 1985, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 574785(M) u residenti ġewwa Farmhouse A, Vjal Santa Lucija, Paola:

**Nakkużawh talli fil-lejl ta' bejn is-07 u t-08 ta' Jannar 2020, għal-ħabta tal-23.00 ta' filgħaxija minn ġewwa fond 437, Flowerland, Triq l-Imdina, Ħal Qormi**

1. ikkommetta serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-ħin għad-dannu ta' Alexander Azzopardi u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

2. u aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, ċioe l-bieb ta' barra tal-istabbiliment 437, Flowerland fi Triq l-Imdina, Ħal Qormi, għad-dannu ta' Alexander Azzopardi u/jew entitajiet oħra;

**Nakkużawh ukoll talli nhar fil-lejl ta' bejn is-07 u t-08 ta' Jannar 2020, għall-ħabta tas-01:25 ta' filgħodu, minn ġewwa Zodiac Beauty and Hair Salon fi Triq San Ġorġ, il-Gżira:**

3. bil-ħsieb li jagħmel delitt u ċioe' serq aggravat bil-mezz u bil-ħin, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta' bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu u dan għad-dannu ta' Margaret Micallef u Brian Cucciardi u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

4. u aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddiehor, ċioe l-bieb ta' barra tal-istabbiliment Zodiac Beauty and Hair Salon fi Triq San Ġorġ il-Gżira, għad-dannu ta' Margaret Micallef u Brian Cucciardi u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

**Nakkużawh ukoll talli nhar fil-lejl ta' bejn id-09 u l-10 ta' Jannar 2020, għall-ħabta tan-00:30 ta' filgħodu, minn ġewwa Neros fi Triq il-Kbira San Ġużepp, il-Ħamrun:**

5. Ikkommetta serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-vjolenza u bil-ħin għad-dannu ta' Diane Calleja u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

6. U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddiehor u ċioe il-bieb ta' barra tal-istabiliment Neros, sitwat ġewwa Triq il-Kbira San Ġużepp, il-Ħamrun, għad-dannu ta' Diane Calleja u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

7. U aktar talli bejn is-07 ta' Jannar 2020 u l-10 ta' Jannar 2020, kellek fil-pussess tiegħek id-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kontx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Priċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjoni tar-4 u tas-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kontx bil-liċenzja jew

xort'oħra awtoriżżat li timmanifattura, jew tforni d-droga msemmija fil-pussess tiegħek u nqast li tipprovdi li d-droga imsemmija ġiet fornuta għall-użu tiegħek skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

**8.** U aktar talli bejn is-07 ta' Jannar 2020 u l-10 ta' Jannar 2020, kellek fil-pussess tiegħek il-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

**9.** U aktar talli bejn is-07 ta' Jannar 2020 u l-10 ta' Jannar 2020, kellek fil-pussess tiegħek id-droga eroina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kontx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Priċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjoni tar-4 u tas-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kontx bil-liċenzja jew xort'oħra awtoriżżat li timmanifattura, jew tforni d-droga msemmija fil-pussess tiegħek u nqast li tipprovdi li d-droga imsemmija ġiet fornuta għall-użu tiegħek skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

**10.** U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta proviżorja imposti mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Dott. Monica Vella LL.D. f'dan li ma jikkommettiex delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest, fost kundizzjonijiet oħra kif ordnat li jagħmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(2) tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti hija mitluba li f'każ ta' ħtija tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' l-imsemmi Wayne Delia u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' 500 euro bħala depożitu u 15,000 euro bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat lfl-Artikolu 579 (2) (3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**11.** U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta proviżorja imposti mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Dott. Antonio Mizzi LL.D. f'dan li ma jikkommettiex delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest, fost

kundizzjonijiet oħra kif ordnat li jagħmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(2) tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti hija mitluba li f'każ ta' ħtija tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' l-imsemmi Wayne Delia u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' 1000 euro bħala depożitu u 20,000 euro bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat lfl-Artikolu 579 (2) (3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**12.** U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta proviżorja imposti mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Dott. Antonio Micallef Trigona LL.D. f'dan li ma jikkommettiex delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest, fost kundizzjonijiet oħra kif ordnat li jagħmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(2) tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti hija mitluba li f'każ ta' ħtija tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' l-imsemmi Wayne Delia u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' 5,000 euro bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat lfl-Artikolu 579 (2) (3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**13.** U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta proviżorja imposti mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Dott. Josette Demicoli LL.D. f'dan li ma jikkommettiex delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest, fost kundizzjonijiet oħra kif ordnat li jagħmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(2) tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti hija mitluba li f'każ ta' ħtija tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' l-imsemmi Wayne Delia u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' 500 euro bħala depożitu u 6,000 euro bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat lfl-Artikolu 579 (2) (3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Barra minn dan l-imputat Wayne Delia huwa akkużat talli rrenda ruħu reċediv b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tiġi mibdula ai termini ta' l-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena stabbilita mill-Liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Filwaqt li l-Pulizija Eżekuttiva esebixxiet estratt mill-fedina penali tal-imputat kif ukoll ċertifikat tat-twelid tiegħu, talbet li dan il-każ jiġi nvestigat skond il-liġi.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn bis-saħħa tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu. 101) ordna li l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali biex iwieġeb għall-akkużi kontra tiegħu għal ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat ukoll in-nota tal-Avukat Ġenerali li permezz tagħha ta' l-kunsens tiegħu sabiex il-każ tal-imputat jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat illi fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2022, l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara illi ma għandux aktar provi xi jressaq;

Rat illi fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2023, l-imputat iddikjara illi ma għandux aktar provi xi jressaq;

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri datat 9 ta' Marzu 2023 permezz ta' liema din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta.

Rat ukoll l-eżenzjoni tal-partijiet mis-smiegħ mill-ġdid tal-provi;

Rat ix-xhieda;

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti esebiti;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet

**Ikkunsidrat**

**A. <u>Fatti tal-każ</u>**

Illi din il-kawża tirrigwarda allegat attentat ta' serq u serq imwettaq mill-imputat, allegat ħsara volontarjament imwettqa mill-imputat, allegat pussess ta' kannabis,

kokaina u eroina, allegat ksur ta' diversi kundizzjonijiet tal-libertà proviżorja impost mill-Qorti preseduta minn diversi Maġistrati mill-imputat, kif ukoll li l-imputat allegatament irrenda ruħu reċidiv.

**B. <u>It-Talba tal-imputat sabiex l-istqarrija rilaxxata minnu fil-15 ta' Jannar 2020 lill-pulizija tiġi sfilzata.</u>**

Waqt it-Trattazzjoni finali tiegħu l-imputat talab li l-istqarrija rilaxxata minnu fil-15 ta' Jannar 2020 lill-pulizija tiġi sfilzata u sostna li l-istqarrija ma għandhiex tittieħed in konsiderazzjoni. Dan għaliex primarjament iċ-ċertifikat li permezz tiegħu l-imputat kien ċċertifikat li huwa f'pożizzjoni ta' saħħa tajba sabiex issirlu l-interrogazzjoni huwa iffirmat minn tabib u mhux minn psikjatra, kif ukoll għaliex l-imputat ma ngħatax it-twissija (fi kliem id-difiża *'ma ġiex mistoqsi'*) li jekk ħa jwieġeb għad-domandi, dak li jgħid jista jintuża bħala prova kontrih.

Il-Qorti tibda billi ssostni li fit-tielet paragrafu tal-istqarrija u ċioé qabel ma bdew isiru l-mistoqsijiet lill-imputat hemm indikat is-segwenti:

*'Ġejt imwissi mill-ispettur Stacy Attard u l-ispettur Kylie Borg, fil-preżenza ta' PC 283 R.Borg* ***li miniex obbligat inwieġeb għall-mistoqsijiet li se jsiruli, iżda dak kollu li ngħid jitniżżel bil-miktub u jista' jinġieb bħala prova'.***

Illi għalhekk jirriżulta li l-imputat kien ingħata it-twissija li jekk kien se jirrispondi għal mistoqsijiet li kienu se jsirulu, dak li jgħid seta jintuża bħala prova kontrih.

L-imputat jinsisti li ċ-ċertifikat mediku maħruġ mill-Isptar Mount Carmel li permezz tiegħu l-imputat ġie ċċertifikat li '*is currently fit for interrogation and prosecution'* kellu jkun iffirmat minn psikjatra u mhux minn tabib normali.

Din il-Qorti ma taqbilx ma dan l-argument u dan għaliex fl-ewwel lok imkien fil-liġi ma hemm indikat li ċertifikat ta' dan it-tip għandu jkun iffirmat min psikjatra u fit-tieni lok iċ-ċertifikat ġie maħruġ minn ġewwa l-Isptar Mount Carmel. Illi għalhekk lanqas ma jista' jingħad li dan iċ-ċertifikat ġie iffirmat minn dak li d-difiża sejħet bħala tabib

normali, iżda ġie iffirmat minn tabib li jaħdem fl-isptar Mount Carmel. Jingħad li l-Isptar Mount Carmel mhux magħmul biss minn psikjatri imma magħmul anke minn tobba tal-psikjatri li jimxu u jaġixxu fuq dak li jgħidulhom il-psikjatri u fuq kollox jaħdmu id f'id u f'kollaborazzjoni assoluta mal-psikjatri. Dawn it-tobba jaħdmu u għandhom esperjenza fis-saħħa mentali.

Illi għalhekk il-Qorti qegħda tiċħad it-talba tal-imputat għal isfilz tal-istqarrija rilaxxata minnu fil-15 ta' Jannar 2020.

## C. Kunsiderazzjoni dwar ħtija o meno

1. **Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri.

Huwa prinċipju bażiku pprattikat mill-Qrati tagħna fil-proċediment kriminali li biex l-imputat jiġi ddikjarat ħati, l-imputazzjonijiet dedotti għandhom jiġu pruvati oltre kull dubju raġjonevoli, ċioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija **mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tgħid pero' mhux kull l-iċken dubju huwa biżżejjed sabiex persuna akkużata tiġi ddikjarata liberata. Hemm bżonn li "dubju jkun dak dettat mir-raġuni".

Fil-fatt fis-sentenza mogħtija **mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-Ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning fil-każ Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372** tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

2. **L-Ewwel Imputazzjoni:** *Nakkużawh talli fil-lejl ta' bejn is-07 u t-08 ta' Jannar 2020, għal-ħabta tal-23.00 ta' filgħaxija minn ġewwa fond 437, Flowerland, Triq l-Imdina, Ħal Qormi ikkommetta serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-ħin għad-dannu ta' Alexsnder Azzopardi u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;*

L-imputat qiegħed jiġi akkużat bir-reat ta' serq minn ġewwa il-*fond 437, Flowerland, Triq l-Imdina, Ħal Qormi*, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-ħin.

Fl-Artiklu 263 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jingħad li:

*"Is-serq huwa ikkwalifikat bil-"mezz" –*

*(a) meta jsir bi ksur ta' ġewwa jew ta' barra, b'imfietaħ foloz, jew bi skalata;*

*(b) meta l-ħalliel jiżbogħ wiċċu, jew jilbes maskra jew għata oħra tal-wiċċ, jew jagħmel xi tibdil ieħor flilbies jew fis-sura, jew meta, sabiex jagħmel is-serq, jieħu t-titolu jew il-libsa ta' uffiċjal ċivili jew militari, jew jippretendi li għandu ordni maħruġ minn awtorità pubblika li jkun falz, ukoll jekk dawn il-mezzi qarrieqa ma jkunux fil-fatt swew biex igħinu s-serq, jew biex ma jikxfux il-ħalliel."*

Fl-Artiklu 264(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jingħad li:

*"Taħt l-isem ta' "ksur" jidħlu kull tbattija fl-art, ksur, ħatt, ħruq, qligħ, tagħwiġ jew sgassar ta' ħajt, li ma jkunx ħajt ta' għalqa mibni bis-sejjieħ, saqaf, qofol, katnazz, bieb jew ta' mezzi oħra bħal dawn li qegħdin sabiex ma jħallux id-dħul f'dar jew f'lok ieħor jew f'reċint, jew biex isakkru jew jerfgħu fiż-żgur ħwejjeġ jew oġġetti oħra f'kaxex, fi*

*sniedaq, f'armarjijiet jew reċipjenti oħra, u kull ksur ta' kaxxa, senduq jew reċipjent ieħor, saħansitra jekk dan il-ksur ma jsirx fil-lok fejn ikun sar is-serq.*

*Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 326, kull ksur, tagħwiġ, qligħ jew sgassar ta' kanni tas-servizz pubbliku tal-ilma jew tas-servizz tal-gass, jew tal-fili jew gumni tas-servizz elettriku, jew tal-meters ta' dawn is-servizzi, jew ta' xi siġill ta' xi meter, magħmul sabiex isir tniffid illeġittimu ma' dawn il-kanni, fili, jew gumni, jew l-eżistenza ta' xi mezz qarrieq kif imsemmi fis-subartikolu (2), jitqies ukoll li huwa "ksur".*

Fl-Artiklu 266 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jingħad li:

*"Id-dħul f'wieħed mill-postijiet imsemmijin fl-artikolu 264 minn band'oħra barra milli mill-bibien li ordinarjament qegħdin għaldaqshekk, sew jekk id-dħul isir bil-mezz ta' sellum jew ta' ħabel, jew b'xi mezz ieħor, kemm bil-għajnuna tal-ġisem ta' bniedem ieħor, inkella billi b'xi mod wieħed jixxabbat biex jitla' jew jinżel, kif ukoll id-dħul minn fetħa taħt l-art barra milli minn dik li qiegħda għad-dħul, jitqies "skalata".*

*(2) Għall-finijiet tal-piena, jitqies ukoll li hemm "skalata" meta l-ħati, għalkemm ikun daħal f'wieħed mill-postijiet hawn fuq imsemmija minn xi daħla li tkun qiegħda għaldaqshekk, joħroġ minnha b'xi wieħed mill-mezzi hawn fuq imsemmija.*

Fl-Artiklu 267 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jingħad li:

*"Is-serq huwa ikkwalifikat bil-"valur", meta l-ħaġa misruqa tkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94)."*

Fl-Artiklu 270 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jingħad li:

*"Huwa ikkwalifikat bil-"ħin" is-serq li jsir bil-lejl, jiġifieri, bejn inżul u t-tlugħ ix-xemx."*

Fl-istqarrija tal-imputat, mistoqsi:

*Naqblu li urejniek filmat ta' żewġ persuni li kienet deħlin lejn u ħerġin minn ħanut Flowerland li jinsab fi Triq l-Imdina, Ħal Qormi ?*

L-imputat irrisponda: *Iva.*

*Naqblu li dawk iż-żewġ persuni wieħed minnhom, u cioe l-itwal wieħed huwa int?*

L-imputat wieġeb: Iva.

Fix-xhieda tagħha l-Ispettur Kylie Borg xehdet li fil-lejl ta' bejn is-7 u t-8 ta' Jannar 2020, hija kienet ġiet infurmata illi kien sar żgass ġewwa l-istabbiliment Flowerland, li jinsab fi triq l-Imdina, Ħal Qormi u kienu ġew misruqa laptop kif ukoll barmil bl-għodda. Hija kienet infurmata li l-valur tal-laptop kien ta' madwar ħames mitt ewro (€500), filwaqt li l-valur tal-barmil tal-għodda jammonta għas-somma ta' mija u għaxar ewro (€110).

Hija sostniet li kienet ġiet elevata CCTV camera u wara li rat il-footages u anke ritratti li kienu ħarġu mic-CCTV camera indunat li waħda mill-persuni kienet l-imputat Wayne Delia.

PS 274 James Turner xehed li huwa kien ħejja rapport rigward is-serqa li kienet saret mill-istabbiliment Flowerland. Fit-8 ta' Jannar 2020 flimkien ma pulizija oħra kienu marru fuq il-post fejn kien hemm l-owner Alexander Azzopardi. Dan kien informa lil pulizija minn fejn kienu daħlu l-ħallelin, ċioé kienu żgassaw il-bieb prinċipali li kien ta' l-aluminium u kienu għamlu ħsara fil-ħġieġa t'isfel. Minn fuq il-post kienu nsterqu laptop li skont Alexander Azzopardi l-valur tiegħu jammonta għal ħames mitt ewro (€500) u barmil bl-għodda li jikkonsisti fi trapani kbar u G-clamps li l-valur tagħhom kien jammonta għal mija u għaxar ewro (€110). Xehed ukoll li persuna partikolari infurmahom li kien għal ħabta tal-ħdax ta' bil-lejl semgħet xi ħsejjes.

Stephanie Testa xehdet li hija mpjegata ma Flowerland. Hija sostniet li fit-8 ta' Jannar 2020 kienet għamlet rapport mal-Pulizija għax kienet saret serqa ġewwa l-istabbiliment Flowerland. Hija sostniet li malli waslet ħdejn il-bieb tal-ħanut, sabet il-bieb tal-ħanut miftuħ beraħ u l-ħġieġa mkissra u ċemplet lill-imgħallem Alex Azzopardi u ma daħlitx. X'ħin l-imgħallem wasal fuq il-post hija daħlet il-ħanut miegħu.

Alexander Azzopardi xehed li huwa sid l-istabbiliment Flowerland. Huwa sostna li fit-8 ta' Jannar 2020 għal ħabta ta' xi s-sitta ta' filgħodu (6:00am) kienet ċemplitlu kuġintu Stephania Testa u infurmatu li sabet il-bieb tal-ħanut miftuħ u kien hemm il-ħġieġa tan-naħa t'isfel tal-bieb imkissra. Huwa mar fuq il-post u sab li l-ħallelin kienu żgassaw il-bieb u kif qaltlu Stephanie, il-ħġieġa tal-bieb tan-naħa t'isfel kienet imkissra. Ix-xhud

sostna li kien insteraq laptop u li minkejja li ma setax isib l-irċevuti madanakollu jiftakar li huwa kien xtara l-laptop għal madwar ħames mitt ewro (€500). Il-laptop kien ilu għandu għal madwar sentejn. Insteraq ukoll barmil li kien fih xi għodda fosthom trapani, G-clamps u diski tal-grinders. Ix-xhud jikkalkula li l-valur tagħhom kien ta' bejn mitt ewro (€100) u mija u ħamsin ewro (€150).

Din il-Qorti ssostni li mil-provi produċibbli l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li l-imputat kien involut fis-serqa ġewwa l-istabbiliment Flowerland. Jirriżulta li biex saret din is-serqa sar żgass mal-bieb tal-ħanut ta' barra, jirriżulta wkoll li s-serqa saret bil-lejl u jirriżulta wkoll li l-oġġetti misruqa jiswew aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94).

Din il-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mill-liġi din l-imputazzjoni u ċioé li fil-lejl ta' bejn is-7 u t-8 ta' Jannar 2020 għal ħabta tal-ħdax ta' filgħaxija, minn ġewwa l-fond 437, Flowerland, Triq l-Imdina, Ħal-Qormi, ikkommetta serq bil-mezz, bil-valur u bil-ħin għad-dannu ta' Alexander Azzopardi.

Għalhekk il-Qorti se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li l-Qorti tqis li din imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.

3. **It-Tieni Imputazzjoni:** *u aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi (fil-lejl ta' bejn is-07 u t-08 ta' Jannar 2020, għal-ħabta tal-23.00 ta' filgħaxija) volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddiehor, ċioe l-bieb ta' barra tal-istabbiliment 437, Flowerland fi Triq l-Imdina, Ħal Qormi, għad-dannu ta' Alexander Azzopardi u/jew entitajiet oħra;*

Fix-xhieda tagħhom, PS 274 James, Stephanie Testa u Alexander Azzopardi lkoll xehdu li l-ħallelin żgassaw il-bieb ta' barra tal-ħanut Flowerland u li l-ħġieġa tan-naħa t'isfel tal-bieb spiċċat imkissra.

Illi għalhekk il-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova li l-imputat Wayne Delia għamel ħsara fil-bieb ta' barra tal-istabbiliment Flowerland.

Stante li l-atti huma sprovisti minn kwalunkwe prova rigward l-ammont tal-ħsara, din il-Qorti sejra ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni taħt l-artikolu 325(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioé li l-ammont tal-ħsara ma jiskorrix l-ammont ta' tlieta u għoxrin ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29c).

4. **It-Tielet Imputazzjoni:** *Nakkużawh ukoll talli nhar fil-lejl ta' bejn is-07 u t-08 ta' Jannar 2020, għall-ħabta tas-01:25 ta' filgħodu, minn ġewwa Zodiac Beauty and Hair Salon fi Triq San Ġorġ, il-Gżira: bil-ħsieb li jagħmel delitt u ċioe' serq aggravat bil-mezz u bil-ħin, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta' bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu u dan għad-dannu ta' Margaret Micallef u Brian Cucciardi u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;*

L-Ispettur Kylie Borg xehdet u esebixxiet sett ta' sitt ritratti fejn fit-tielet u fir-raba' ritratt, l-imputat Wayne Delia jidher jisgassa il-bieb ta' barra ta' Zodiac Beauty and Hair Salon u fil-ħames u fis-sitt ritratt l-imputat Wayne Delia jidher li qed jiżgassa l-cash register. Ix-xhud esebixxiet anke l-filmat tac-CCTV camera.

Illi fl-istqarrija tal-imputat rilaxxata lil pulizija, meta kien qiegħed mistoqsi rigward l-attentat ta' serq mill-istabbiliment Zodiac Beauty and Hair Salon meta l-imputat ġie mistoqsi:

*Naqblu li qed nuruk sett ta' 6 ritratti fejn fihom jidhru 2 persuni ?*
L-imputat wieġeb: *iva*

Mistoqsi: *Naqblu illi dawn iż-żewġ persuni huma int u Ludvic Camilleri ?*
L-imputat wieġeb: *Iva.*

WPS 215 Valerie Mifsud fix-xhieda tagħha meta murija dokument KB12 a fol 52 tal-proċess, hija kkonfermat li dak huwa r-rapport li għamlet hi. Ix-xhud sostniet li fit-8 ta' Jannar 2020 għal xi 7am Margaret Micallef ċemplet l-Għassa ta' tas-Sliema fejn filwaqt li identikat ruħha bħala l-owner ta' Zodiac Beauty and Hair Salon irraportat li xi ħadd kien sgassa l-bieb tal-ħanut u daħal ġol-ħanut. Hija ndunat għaliex rat il-cameras u rat li l-kexxun tal-cash register ma kienx f'postu. Il-frame tal-bieb kien mgħawweġ u l-

ħġieġ tal-bieb kien imkisser. Ix-xhud sostniet li hija kienet marret fuq il-post u filwaqt li fuq il-post ma kienx hemm taqlib, madanakollu il-kexxun tal-cash register kien maqlugħ u kien qiegħed fuq siġġu. Sostniet li Margareth Micallef infurmata li fil-cash ma kienx hemm flus u li ma kien insteraq xejn. Sostniet ukoll li s-Sur Brian Cucciardi kien ipprovda lil pulizija USB bil-filmat tac-CCTV camera li kellhom installata fil-ħanut.

Margareth Micallef xehdet li hija l-proprjetarja ta' Zodiac Hair Salon. Sostniet li fit-8 ta' Jannar 2020 kienet sabet il-bieb ta' barra mifqugħ u kellu ħsara kbira u kien hemm it-taqlib fir-reception fejn hemm id-desk. Xi ħadd daħal fil-ħanut biex jisraq il-flus iżda hija ma kinitx ħalliet flus u għalhekk ma seraq xejn. Il-cash register kienet maqlugħa, bil-kexxun b'kollox. L-ispejjeż biex sewwiet il-bieb kienu jammontaw għal tmin mitt ewro (€800). Ix-xhud ippreżentat kopja tal-irċevuta u kkonfermat ukoll li kienet hi stess li għamlet kopja tal-irċevuta' mill-oriġinal. Ix-xhud sostniet li hija kienet għamlet claim mal-insurance u irrifodewlha l-ammont ta' erbgħa mitt ewro (€400). Ix-xhud ippreżentat pendrive tal-footage fil-ħin tal-attentat tas-serqa.

Brian Cucciardi fix-xhieda tiegħu sostna li fit-8 ta' Jannar 2020 filgħodu, Margareth ġibditlu l-attenzjoni li x'ħin rat il-camera indunat li fil-ħanut kien hemm xi affarijiet imċaqalqin.

Huma marru flimkien fuq il-post u sabu il-bieb ta' barra bil-ħġieġ imkisser. Stennew il-pulizija tasal fuq il-post u x'ħin waslu l-pulizija daħlu magħhom fil-ħanut. X'ħin daħlu ġewwa sabu l-kexxun tal-cash register maqlugħ.

Din il-Qorti ssostni li mil-provi produċibbli l-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova li l-imputat ipprova jwettaq serqa ġewwa l-istabbiliment Zodiac Bauty and Hair Salon.
Dan qiegħed jingħad għaliex kien propju l-imputat stess li kkonferma li r-raġel fir-ritratt li deher jisgassa l-bieb u l-cash register huwa propju hu. Jirriżulta li sar żgass mal-bieb tal-ħanut ta' barra u jirrizulta wkoll li l-attentat ta' serqa seħħ bil-lejl.

Din il-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova sal-grad rikjest mill-liġi din l-imputazzjoni u għalhekk se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni.

5. **Ir-Raba Imputazzjoni:** *U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi (fil-lejl ta' bejn id-09 u l-10 ta' Jannar 2020, għall-ħabta tan-00:30 ta' filgħodu) volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor u ċioé il-bieb ta' barra tal-istabiliment Zodiac Beauty and Hair Salon għad-dannu ta' Margaret Micallef u Brian Cucciardi u/jew entitajiet oħra;*

Illi mix-xhieda ta' WPS 215 Valerie Mifsud, Margareth Micallef u Brian Cucciardi jirriżulta li fil-bieb ta' barra tal-istabbiliment Zodiac Beauty and Hair Salon sar sgass fejn il-frame tiegħu spiċċa tgħawweġ u il-ħġieġ tal-bieb spiċċa imkisser. Sabiex saret it-tiswija neċessarja fuq il-bieb, l-ispiża kienet tammonta għal €800. Illi mir-ritratt li l-imputat stess ikkonferma li r-raġel li jidher f'dak ir-ritratt huwa propju hu, jirriżulta li kien l-imputat li żgassa il-bieb.

Din il-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova sal-grad rikjest mill-liġi din l-imputazzjoni u għalhekk se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni u dana taħt l-artikolu 325 (1) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

6. **Il-Ħames Imputazzjoni:** *Nakkużawh ukoll talli nhar fil-lejl ta' bejn id-09 u l-10 ta' Jannar 2020, għall-ħabta tan-00:30 ta' filgħodu, minn ġewwa Neros fi Triq il-Kbira San Ġużepp, il-Ħamrun: Ikkommetta serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-vjolenza u bil-ħin għad-dannu ta' Diane Calleja u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;*

PS1236 Joseph Gatt xehed li fl-10 ta' Jannar 2020, ġewwa l-Għassa tal-Ħamrun ġew infurmati li kienu għadhom kif raw xi nies jisirqu minn ġewwa l-ħanut Neros. Hu flimkien ma PC 751 marru immedjatament fuq il-post u nnotaw żgass mal-lock tal-bieb iżda ma kien hemm ħadd. Il-bieb kellu ħsara mal-lock u it-tieqa tal-ġenb ukoll kellha l-ħsara. Il-ħanut Neros ġie spezzjonat immedjatament fejn filwaqt li l-ħanut ma kellux taqlib, madanakollu il-cash register kienet miftuħa.

Ftit minuti wara membri tal-RIU arrestaw żewġ persuni fi Triq Abela Scolaro, il-Ħamrun. Wieħed mill-arrestati kien propju l-imputat Wayne Delia. Mal-arrest ingħatawlu d-drittijiet legali tiegħu u ttieħed l-għassa tal-Ħamrun għal aktar stħarriġ. Ix-xhud sostna li l-imputat Wayne Delia kellu xi affarijiet li tagħhom ħariġlu irċevuta.

Fost dawk l-affarijiet, l-imputat Wayne Delia kellu sikkina b'manku iswed. Eventwalment l-imputat Wayne Delia ttieħed iċ-ċentru tas-saħħa u sussegwentement ittieħed l-isptar Mount Carmel.

PC 751 Christian Mercieca ikkonferma li r-rapport a fol 47 kien daħlu hu u żied xi affarijiet is-surġent fis-sistema tiegħu. Sostna kif fl-10 ta' Jannar 2020 għal ħabta ta' nofs il-lejl u għoxrin ta' filgħodu li ġew infurmati li kienet qegħda ssir serqa minn ġewwa l-ħanut Neros. Marru fuq il-post, iżda l-ħallelin kienu telqu minn fuq il-post. Il-lock tal-bieb kellha l-ħsara u l-ħġieġ tal-bieb kellu l-ħsara wkoll. Il-cash register kien miftuħ.

Sostna li l-pulizija tal-RIU ingħatatilhom deskrizzjoni ta' x'kienu lebsin il-ħallelin. Il-Pulizija tal-RIU kienu arrestaw żewġ persuni li kienu lebsin l-istess ħwejjeġ li skond ir-rapport il-persuni li wettqu s-serqa kienu lebsin waqt is-serqa. Eventwalment l-imputat Wayne Delia ġie riferut ġewwa l-Isptar Mount Carmel.

PC 1413 Antoine Agius xehed li fl-10 ta' Jannar 2020 għal ħabta tal-kwarta ta' filgħodu ġewwa l-control room daħlet informazzjoni li ġewwa l-ħanut Neros li jinsab fi Triq il-Kbira San Ġużepp kienu għadhom kif daħlu fih żewġ persuni, wieħed kien liebes tracksuit blue u l-ieħor kien liebes tracksuit griża. F'idejhom kellhom basket tal-Lidl.

Ix-xhud u l-kollega tiegħu 893 marru fuq il-post u ma sabu lil ħadd. Għalhekk bdew iduru l-viċinanzi u fi Triq Canon Road ma Triq Scolari lemħu żewġ persuni lebsin tracksuit griża u tracksuit blue u kellhom baskett tal-Lidl f'idejhom. Dawn il-persuni twaqqfu, ingħataw id-drittijet legali, firduhom u bdew jistaqsuhom x'kienu qegħdin jagħmlu hemm. Saret tfitxija fuqhom u fuq il-persuna tal-imputat instab ammont żgħir ta' flus. Eventwalment ġew infurmati l-pulizija tad-distrett u ħadu over il-pulizija tad-distrett.

PC 486 Ryan Camilleri xehed li fl-10 ta Jannar 2020 għal ħabta tal-kwarta ta' filgħodu ġewwa l-control room daħlet informazzjoni li ġewwa l-ħanut Neros li jinsab fi Triq il-Kbira San Ġużepp kienu għadhom kif daħlu fih żewġ persuni, wieħed kien liebes tracksuit blue u l-ieħor kien liebes tracksuit griża. F'idejhom kellhom baskett tal-Lidl. Dak il-ħin huwa kien jinsab Bormla u saq lejn il-Ħamrun biex jassisti lill-kollegi tiegħu.

Ftit wara l-kollegi PC 1413 u PC 893 infurmawh li kienu sabu żewġ irġiel jaqblu mad-deskrizzjoni li n-nies tawhom taż-żewġ persuni li daħlu fil-ħanut Neros. Huwa mar fuq il-post fejn ġew arrestati ż-żewġ persuni. Xi żewġ minuti wara  waslu l-pulizija tad-distrett. Huwa skorta lill-imputat Wayne Delia ġewwa l-għassa tal-Ħamrun u l-involviment tiegħu f'dan il-każ waqaf hemmhekk.

PC 661 Christian Grech xehed li fl-10 ta Jannar 2020 kien stazzjonat l-RIU u għal ħabta tas-siegħa ta' filgħodu ġewwa l-control room daħlet informazzjoni li ġewwa l-ħanut Neros li jinsab fi Triq il-Kbira San Ġużepp kienu għadhom kif daħlu fih żewġ persuni, wieħed kien liebes tracksuit blue u l-ieħor kien liebes tracksuit griża. Il-control room bagħtet lil PC1413 u PC 893 u x'ħin kienu fuq il-post infurmawhom li sabu żewġ persuni u hu u l-kollega PC 486 marru jassistuhom. Huwa skorta lil persuna l-oħra (mhux l-imputat) ġewwa l-Għassa tal-Ħamrun.

L-Ispettur Stacy Attard xehdet li fl-10 ta' Jannar 2020 PS 1236 infurmaha li għal ħabta ta' nofs il-lejl u għoxrin kienu irċevew telefonata minn ġewwa l-control room tal-pulizija fejn xi ħadd informa lil pulizija tal-control unit illi ra żewġ persuni suspettużi li kienu daħlu fil-ħanut Neros. Persuna minnhom kienet liebsa tracksuit blue u oħra kienet liebsa tracksuit griża u wieħed mill-irġiel kien qaraj. Is-surġent infurmaha li hu flimkien ma PC751 x'ħin daħlu fil-ħanut innutaw ħsara kemm fuq it-tieqa tal-ġenb tal-ħanut u anke fuq il-lock tal-bieb tal-ħanut. Taqlib ġewwa l-ħanut ma sabux iżda l-cash register kienet miftuħa u l-plakka x'aktarx tac-CCTV kienet maqlugħa.

Fil-frattemp ġew infurmati mill-pulizija tal-RIU li ġewwa Triq Abela Scolaro l-Ħamrun kienu ġew arrestati żewġ persuni maskili li kienu jaqblu mad-deskrizzjoni  mogħtija mill-kamra tal-control room. L-arrestati ngħataw id-drittijiet legali. Wieħed mill-arrestati kien l-imputat Wayne Delia. Wayne Delia kien qed iġorr basket u l-istess imputat Wayne Delia informa lil pulizija li kull ma kien fih il-basket kien jippartjeni lilu ħlief il-pipa. L-imputat Wayne Delia ttieħed l-Għassa tal-Ħamrun, imbagħad ittieħed iċ-ċentru tas-saħħa u eventwalment kien riferut għall-Isptar Mount Carmel.

Mis-sistema tal-pulizija, irriżulta li l-imputat Wayne Delia kien wanted mill-ispettur Kylie Borg u għalhekk hija nfurmat lill-ispettur Kylie Borg li min-naħa tagħha infurmatha li riedet tkellem lill-imputat Wayne Delia fuq serqa oħra minn ġewwa Ħal

Qormi. Wara li ġie rilaxxat mill-Isptar Mount Carmel, l-imputat Wayne Delia kien irrilaxxa stqarrija lil pulizija.

PC1469 Emerson Borg xehed li huwa spiċċa għassa mal-ħanut Neros u ftit wara marret anke fuq il-post sid l-istess ħanut Diane Calleja. Huwa baqa' għassa mal-ħanut sas-sitta ta' filgħodu tal-10 ta' Jannar 2020 għaliex ma setgħux isibu mod kif jagħlqu l-bieb tal-ħanut.

PC 894 Mark Galea xehed li fl-10 ta' Jannar 2020, waqt li kien ronda qrib il-Ħamrun, irċevew permezz tar-radio li kienu daħlu jisirqu minn ġewwa l-ħanut Neros li jinsab fi Triq il-Kbira San Ġużepp il-Ħamrun.

Marru fuq il-post u ma sabu lil ħadd u għalhekk minnufih bdew iduru l-akwati. Erba' toroq l'isfel innutaw żewġ persuni bl-istess deskrizzjoni li kienu ngħataw tal-persuni li wettqu s-serqa. Dawn iż-żewġ persuni ġew arrestati u ttieħdu l-għassa tal-pulizija.

Diane Calleja fix-xhieda tagħha sostniet li hija l-proprjetarja tal-ħanut Neros. Hija sostniet li min daħal jisraq fil-ħanut tagħha serqulha ħamsa u tletin ewro (€35). Sostniet li għandha l-bieb mifqugħ u kull ma biddlet kienet is-serratura li ġiet tiswiha xi sebgħin (€70). L-irċevutha ħallitha d-dar. Il-kexxun tal-cash ħaduh magħhom.

Illi mill-provi jirriżulta li l-imputat Wayne Delia kien arrestat ftit wara li saret is-serqa u kien libes l-istess ħwejjeġ li kien libes wieħed mill-persuni li wettaq is-serqa. Mix-xhieda ta' Diane Calleja rriżulta li nsterqu madwar ħamsa u tletin ewro (€35) u rriżulta li fuq il-persuna ta' Wayne Delia nstab ammont żgħir ta' flus. Jirriżulta li l-persuni li daħlu jisirqu fil-ħanut żgassaw il-bieb tal-ħanut u s-serqa saret bil-lejl. Jirriżulta wkoll li Wayne Delia ddikjara mal-pulizija li ħlief għal pipa, dak kollu li kien jinsab fil-basket kien jappartjeni lilu. Fil-basket kienet instabet sikkina bil-manku iswed.

Din il-Qorti hija moralment konvinta li l-imputat Wayne Delia kien wieħed mill-persuni li daħlu jisirqu minn ġewwa l-ħanut Neros u l-Prosekuzzjoni ippruvat mingħajr dubju dettat mir-raġuni li l-imputat Wayne Delia fil-lejl ta' bejn id-09 u l-10 ta' Jannar 2020, għall-ħabta tan-00:30 ta' filgħodu, minn ġewwa Neros fi Triq il-Kbira San Ġużepp, il-

Ħamrun ikkommetta serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-vjolenza u bil-ħin għad-dannu ta' Diane Calleja.

Għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova sal-grad rikjest mill-liġi din l-imputazzjoni u konsegwentament se ssib lill-imputat ħati ta' din l-istess imputazzjoni.

7. **Is-Sitt Imputazzjoni*:*** *U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi (nhar fil-lejl ta' bejn id-09 u l-10 ta' Jannar 2020, għall-ħabta tan-00:30 ta' filgħodu) volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddiehor u ċioe il-bieb ta' barra tal-istabiliment Neros, sitwat ġewwa Triq il-Kbira San Ġużepp, il-Ħamrun, għad-dannu ta' Diane Calleja u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;*

Illi mix-xhieda ta' PS1236 Joseph Gatt, ta' PC 751 Christian Mercieca, ta' l-Ispettur Stacy Attard, ta' PC1469 Emerson Borg u ta' Diane Calleja ġie ppruvat mill-Prosekuzzjoni li sar żgass fil-bieb tal-ħanut ta' barra tal-istabbiliment Neros.

Diane Calleja fix-xhieda tagħha sostniet li għandha l-bieb mifqugħ u kull ma biddlet kienet is-serratura li ġiet tiswiha xi sebgħin ewro (€70) iżda l-irċevuta kienet ħallietha d-dar.

Minħabba l-fatt li l-aqwa prova kellha tkun li tiġi preżentata tal-anqas kopja tal-irċevuta' u din il-prova ma tinsabx fl-atti tal-proċess din il-Qorti sejra ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni taħt l-artikolu 325(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioé li l-ammont tal-ħsara ma jiskorriex l-ammont ta' tlieta u għoxrin ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29).

8. **Is-Seba' Imputazzjoni:** *U aktar talli bejn is-07 ta' Jannar 2020 u l-10 ta' Jannar 2020, kellek fil-pussess tiegħek id-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kontx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Priċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjoni tar-4 u tas-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kontx bil-liċenzja jew xort'oħra awtoriżżat li timmanifattura, jew tforni d-droga msemmija*

*fil-pussess tiegħek u nqast li tipprovdi li d-droga imsemmija ġiet fornuta għall-użu tiegħek skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;*

Fl-istqarrija tiegħu rilaxxata lil Pulizija, l-imputat jammetti li bejn is-7 u l-10 ta' Jannar 2020, huwa kien ikkonsma d-droga kokaina. Għalhekk din il-Qorti sejra ssib lill-imputat Wayne Delia ħati ta' din l-imputazzjoni u ċioé ta' pussess sempliċi tad-droga kokaina.

9. **It-Tmien Imputazzjoni:** *U aktar talli bejn is-07 ta' Jannar 2020 u l-10 ta' Jannar 2020, kellek fil-pussess tiegħek il-pjanta Kannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;*

   Fl-istqarrija tiegħu rilaxxata lil Pulizija, l-imputat Wayne Delia isostni li bejn is-7 u l-10 ta' Jannar 2020, huwa ma kienx ikkonsma d-droga cannabis iżda kien ikkonsma d-droga sintetika.

   Għalhekk il-Qorti ma hijiex se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li ma ġietx ippruvata.

10. **Id-Disa' Imputazzjoni:** *U aktar talli bejn is-07 ta' Jannar 2020 u l-10 ta' Jannar 2020, kellek fil-pussess tiegħek id-droga eroina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kontx fil-pussess ta' awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Priċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjoni tar-4 u tas-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kontx bil-liċenzja jew xort'oħra awtoriżżat li timmanifattura, jew tforni d-droga msemmija fil-pussess tiegħek u nqast li tipprovdi li d-droga imsemmija ġiet fornuta għall-użu tiegħek skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament*

*emmendati bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;*

Fl-istqarrija tiegħu rilaxxata lil Pulizija, l-imputat jammetti li huwa kien ikkonsma d-droga eroina u jsostni li huwa kien xtara d-droga eroina minn tas-Sliema. Madanakollu huwa ma jikkonfermax li huwa xtara d-droga eroina bejn is-7 ta' Jannar 2020 u l-10 ta' Jannar 2020.

Għalhekk il-Qorti m'hijiex sejra ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li ma ġietx ippruvata.

11. **L-Ghaxar Imputazzjoni:** *U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta proviżorja imposti mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Dott. Monica Vella LL.D. f'dan li ma jikkommettiex delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest, fost kundizzjonijiet oħra kif ordnat li jagħmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(2) tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti hija mitluba li f'każ ta' ħtija tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' l-imsemmi Wayne Delia u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' 500 euro bħala depożitu u 15,000 euro bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat lfl-Artikolu 579 (2) (3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Donna Camilleri u Kyle Mifsud** deċiża fis-6 ta' Ottubru 2014 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ngħad li:

*"C.2. It-tieni imputazzjoni partikolari kontra ta' Camilleri – nuqqas ta' tħaris tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest.*

1. *Il-Prosekuzzjoni preżentat dokument a fol 111 li huwa digriet fil-kawża fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Brian Pace et" tat-23 t'Ottubru 2012 li kien ġie maħruġ fil-konfront ta' "Donna Camilleri" fejn fil-kundizzjoni numru 4 tiegħu jingħad ċar li l-persuna imputata ma kellhiex tikkommetti delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li tkun meħlusa mill-arrest. A fol 187 xehed l-Ispettur Jason Francis Sultana li huwa lUffiċjal Prosekutur fil-kawża li fiha kien ingħata dak id-digriet. Huwa identifika lil Donna Camilleri bħala l-imputata f'dawk il-proċeduri kif ukoll li kienet l-istess*

*persuna li ingħatawlha l-kundizzjonijiet imsemmija f'dak id-digriet. Identifika lillimputata preżenti fl-awla. S'hawnhekk kollox sew. L-unika ħaġa pero l-Prosekuzzjoni donnha ma għamlitx distinzjoni bejn il-prova tal-identita għall-fini tarreċidiva u l-prova li trid titressaq fil-każ li persuna tkun mixlija li kisret il-kundizzjonijiet għall-għoti tal-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest. F'dan il-każ, minbarra d-digriet, konnotati, identifikazzjoni eċċetra il-Prosekuzzjoni trid tipprova wkoll li l-proċeduri li fihom dawk il-kondizzjonijiet ikunu ingħataw ikunu għadhom pendenti fil-mument meta jkun ġie kommess id-delitt ta' natura volontarja. Dan għaliex fil-każ li dawk il-proċeduri kriminali jkunu ġew mitmuma, jintemmu wkoll il-kondizzjonijiet marbuta magħhom – salv il-każ t'appell mis-sentenza fejn jistgħu ikunu ritenuti viġenti skont l-Artikolu 416(1A) tal-Kodiċi Kriminali. F'dan il-każ din il-prova tal-viġenza tal-proċeduri penali fil-mument tal-kommissjoni tad-delitt ta' natura volontarja ma nġabitx mill-Prosekuzzjoni u għalhekk il-Qorti ma tistax tassumi li għadhom pendenti ladarba din il-prova ma nġiebetx fl-atti mill-Prosekuzzjoni. Għalhekk din il-Qorti sejra ssib li din il-imputazzjoni ma ġietx soddisfaċentement pruvata sal-grad rikjest mill-Liġi."*

Fis-sentenza **l-Pulizija vs Clint Cauchi** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Marzu 2021 ngħad li:

***"Ikkunsidrat***

***<u>Provi li ġew preżentati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) dwar issejbien ta' ħtija dwar l-imputazzjonijiet numru tlieta, erbgħa u ħamsa ossija l-ksur tal-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest.</u>***

*73. Skont ġurisprudenza prevalenti, sabiex l-imputazzjoni imnissla mill-artikolu 579(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali tiġi integrata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, il-Prosekuzzjoni teħtieġ li tressaq :*
*(a) Kopja awtentika tad-digriet konċedenti l-benefiċċju talħelsien mill-arrest;*
*(b) il-prova li l-persuna imputata u l-persuna li isimha jkun miktub fuq id-digriet konċedenti l-ħelsien mill-arrest huma l-istess identika persuna;*
*(c) il-prova li dak id-digriet kien fis-seħħ fil-jum meta jkun ġie kommess ir-reat de quo billi kemm id-digriet kif ukoll il-proċeduri li minnu jitnisslu jiġu pruvati li kienu għadhom pendenti fil-jum tal-kommissjoni tar-reat.*

*74. In kwantu għall-imputazzjonijiet numru tlieta, erbgħa u ħamsa, din il-Qorti rat li fis-seduta ta' nhar il-11 ta' Ġunju, 2020, ġew preżentati tlett kopji ta' digrieti ta' ħelsien mill-arrest: (i) digriet datat 21 ta' Marzu 2018; (ii) (ii) digriet datat 2 ta' Mejju 2019 u (iii) (iii) digriet datat 5 ta' Frar 2019.*

*75. Dawn id-digrieti huma vera kopja awtentikata tad-digrieti relativi u għalhekk l-ewwel rekwiżit ġie ampjament sodisfatt.*

*76. Kwantu għall-prova li l-persuna imputata u l-persuna li isimha jkun miktub fuq id-digriet konċedenti l-ħelsien mill-arrest huma l-istess identika persuna, din il-Qorti rat li l-Prosekuzzjoni ma resqet ebda prova dokumentarja jew testimonjanza li fuqha tista' tikkonkludi li l-appellant huwa l-istess persuna imsemmija fid-digrieti għajr ħlief għall-fatt li t-taħrika kienet ġiet konfermata bil-ġurament mill-Uffiċjal Prosekutur fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2020 u din ittaħrika kienet dettaljata u speċifika ħafna fir-rigward mhux biss taddettalji personali inkluż il-karta tal-identita tal-appellant, iżda kienet dettaljata ħafna u speċifika billi tagħti d-dettalji speċifiċi tal-Qorti, Maġistrat, data u kondizzjoni allegatament miksura b'riferenza speċifika li kien l-imputat appellant li l-karta tal-identita tiegħu kienet murija fit-taħrika li kien kiser dawk id-digrieti speċifiċi. Jiġifieri ġaladarba t-taħrika kienet speċifika u preċiża fir-rigward ta' dawn iddettalji u li dawn id-dettalji kollha ġew ikkonfermati bil-ġurament mill-Uffiċjal Prosekutur u investigattiv li juru r-rabta speċifika bejn dak l-imputat partikolari u d-digrieti speċifiċi hemmhekk imsemmija, din ilQorti tqis li ma għandhiex dubju li l-persuna imputata u l-persuna li isimha huwa miktub fuq id-digrieti konċedenti l-ħelsien mill-arrest huma l-istess identika persuna – ossija l-appellant.*

*77. Din il-Qorti pero ssib li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha tara li l-Prosekuzzjoni imkien ma kkonfermat b'mod sikur li d-digrieti speċifiċi tal-ħelsien mill-arrest relativi kienu għadhom viġenti filmument tal-kummissjoni tal-allegati reati da parte tal-imputat appellant. Din il-prova kienet meħtieġa li tiġi prodotta b'mod sikur in kwantu fin-nuqqas tagħha dik il-Qorti qajla setgħet tista' tgħid b'sikurezza li meta l-appellant ikkommetta r-reat imsemmi fl-ewwel imputazzjoni huwa kien qiegħed ukoll jikser dawn il-kundizzjonijiet imposti fuqu. Dak il-ksur iseħħ biss fil-każ li dawk il-kundizzjonijiet kienu għadhom fis-seħħ meta huwa wettaq ir-reat de quo. Jekk ma hemmx prova sikura li dawk il-kundizzjonijiet kienu fis-seħħ meta wettaq ir-reat de quo allura ma jistax jingħad li l-appellant wettaq ksur ta' dawk il-kundizzjonijiet. Dan il-ksur irid jiġi pruvat mill-Prosekuzzjoni bħal kull imputazzjoni oħra b'suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. U l-fatt li dawk il-kondizzjonijiet ikunu fis-seħħ fil-waqt meta jkun qiegħed iseħħ iddelitt huwa wieħed miċ-ċirkostanzi li jridu jiġu pruvati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni u ma jistax jitħalla għall-ispekulazzjoni jew immaġinazzjoni tal-Qorti.*

*78. F'dan il-każ għalhekk, fin-nuqqas ta' prova sikura fuq il-fatt jekk il-kundizjonijiet kienux għadhom in vigore meta l-appellant wettaq ir-reat ta' serq ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx tqis li l-Prosekuzzjoni pruvat ir-rekwiżiti kollha meħtieġa sabiex l-appellant jitqies li kiser il-kondizzjonijiet tal-għoti tal-ħelsien mill-arrest addebitat lilu fit-tielet, raba' u ħames imputazzjonijiet."*

L-imputat qiegħed jiġi akkużat li kiser il-kundizzjonijiet ta‘ ħelsien mill-arrest maħruġa mill-Maġistrat Dr Monica Vella.

Il-Qorti wara li rat l-atti proċesswali kollha u d-dokumenti esebiti jirriżulta li ġiet preżentata kopja awtentika tad-digriet konċedenti l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest mogħti fil-15 ta' Novembru 2019. Is-Supretendent Fabian Fleri fix-xhieda tiegħu mogħtija fit-13 ta' Settembru 2021 sostna li sa dakinhar id-digriet kien għadu fis-seħħ.

Għalhekk inġiebet il-prova mill-Prosekuzzjoni li dak id-digriet kien fis-seħħ fil-jum meta ġie kommess ir-reat de quo u nġiebet il-prova li l-proċeduri li minnu jitnisslu id-digriet tal-ħelsien mill-arrest kienu għadhom pendenti fil-jum tal-kommissjoni tar-reat. Fix-xhieda tiegħu is-Supretendent Fabian Fleri iddikjara li huwa qiegħed jagħraf lill-imputat Wayne Delia bħala l-istess persuna li għadu għaddej bil-proċeduri li qegħdin jinstemgħu quddiem il-Maġistrat Dr Monica Vella. Apparti minn hekk, l-isem u n-numru tal-karta tal-identità a fol 39 tal-proċess li jifforma parti mid-digriet tal-kundizzjonijiet ta' ħelsien mill-arrest iġibu l-istess isem u l-istess numru tal-karta' tal-identità tal-imputat Wayne Delia.

Illi għalhekk jirriżulta li l-imputat Wayne Delia kiser il-kundizzjonijiet ta‘ ħelsien mill-arrest maħruġa mill-Maġistrat Monica Vella.

Għalhekk il-Qorti se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li l-Qorti tqis li din imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.

12. **Il-Ħdax il-Imputazzjoni:** *U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta proviżorja imposti mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Dott. Antonio Mizzi LL.D. f'dan li ma jikkommettiex delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest, fost kundizzjonijiet oħra kif ordnat li jagħmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(2) tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti hija mitluba li f'każ ta' ħtija tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' l-imsemmi Wayne Delia u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' 1000 euro bħala depożitu u 20,000 euro bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat lfl-Artikolu 579 (2) (3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

L-imputat qiegħed jiġi akkużat li kiser il-kundizzjonijiet ta‘ ħelsien mill-arrest maħruġa minn dak iż-żmien il-Maġistrat Dr Antonio Mizzi.

Il-Qorti wara li rat l-atti proċesswali kollha u d-dokumenti esebiti jirriżulta li ġiet preżentata kopja awtentika tad-digriet konċedenti l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest mogħti fis-26 ta’ Lulju 2016. L-ispettur Saviour Baldacchino fix-xhieda tiegħu mogħtija fis-17 ta’ Jannar 2022 sostna li sa dakinhar id-digriet kien għadu fis-seħħ.

Għalhekk inġiebet il-prova mill-Prosekuzzjoni li dak id-digriet kien fis-seħħ fil-jum meta ġie kommess ir-reat de quo u nġiebet il-prova li l-proċeduri li minnu jitnisslu id-digriet tal-ħelsien mill-arrest kienu għadhom pendenti fil-jum tal-kommissjoni tar-reat. Fix-xhieda tiegħu l-Ispettur Saviour Baldacchino iddikjara li huwa qiegħed jagħraf lill-imputat Wayne Delia bħala l-istess persuna li kien ingħata il-ħelsien mill-arrest.

Illi għalhekk jirriżulta li l-imputat Wayne Delia kiser il-kundizzjonijiet ta‘ ħelsien mill-arrest maħruġa minn dak iż-żmien il-Maġistrat Antonio Mizzi.

Għalhekk il-Qorti se ssib lill-imputat ħati ta’ din l-imputazzjoni stante li l-Qorti tqis li din imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.

13. **It-Tnax il-Imputazzjoni:** *U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta proviżorja imposti mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Dott. Antonio Micallef Trigona LL.D. f’dan li ma jikkommettiex delitt ieħor ta’ natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest, fost kundizzjonijiet oħra kif ordnat li jagħmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 579(2) tal-Liġijiet ta’ Malta. Il-Qorti hija mitluba li f’każ ta’ ħtija tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta’ l-imsemmi Wayne Delia u tordna l-arrest mill-ġdid ta’ l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta’ 5,000 euro bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta’ Malta kif stipulat lfl-Artikolu 579 (2) (3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;*

L-imputat qiegħed jiġi akkużat li kiser il-kundizzjonijiet ta‘ ħelsien mill-arrest maħruġa minn dak iż-żmien il-Maġistrat Dr Antonio Micallef Trigona.

Il-Qorti wara li rat l-atti proċesswali kollha u d-dokumenti esebiti jirriżulta li ġiet preżentata kopja awtentika tad-digriet konċedenti l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest mogħti fl-4 ta' Frar 2015. Is-Supretendent Fabian Fleri fix-xhieda tiegħu mogħtija fit-13 ta' Settembru 2021 sostna li l-proċeduri kienu intemmu u ġew konklużi f'Novembru 2020.

Għalhekk inġiebet il-prova mill-Prosekuzzjoni li dak id-digriet kien fis-seħħ fil-jum meta ġie kommess ir-reat de quo u nġiebet il-prova li l-proċeduri li minnu jitnisslu id-digriet tal-ħelsien mill-arrest kienu għadhom pendenti fil-jum tal-kommissjoni tar-reat. Fix-xhieda tiegħu s-Supretendent Fabian Fleri ddikjara li huwa qiegħed jagħraf lill-imputat Wayne Delia bħala l-istess persuna li kien ingħata il-ħelsien mill-arrest.

Illi għalhekk jirriżulta li l-imputat Wayne Delia kiser il-kundizzjonijiet ta' ħelsien mill-arrest maħruġa minn dak iż-żmien il-Maġistrat Antonio Micallef Trigona.

Għalhekk il-Qorti se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li l-Qorti tqis li din imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.

14. **It-Tlettax il-Imputazzjoni***: U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta proviżorja imposti mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Dott. Josette Demicoli LL.D. f'dan li ma jikkommettiex delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest, fost kundizzjonijiet oħra kif ordnat li jagħmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(2) tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti hija mitluba li f'każ ta' ħtija tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' l-imsemmi Wayne Delia u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' 500 euro bħala depożitu u 6,000 euro bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat lfl-Artikolu 579 (2) (3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

L-imputat qiegħed jiġi akkużat li kiser il-kundizzjonijiet ta' ħelsien mill-arrest maħruġa minn dak iż-żmien il-Maġistrat Dr Josette Demicoli.

Il-Qorti wara li rat l-atti proċesswali kollha u d-dokumenti esebiti jirriżulta li ġiet preżentata kopja awtentika tad-digriet konċedenti l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest

mogħti fit-2 ta' Frar 2015. L-ispettur Joseph Mercieca fix-xhieda tiegħu mogħtija fit-13 ta' Settembru 2021 sostna li sa dakinhar id-digriet kien għadu fis-seħħ.

Għalhekk inġiebet il-prova mill-Prosekuzzjoni li dak id-digriet kien fis-seħħ fil-jum meta ġie kommess ir-reat de quo u nġiebet il-prova li l-proċeduri li minnu jitnisslu id-digriet tal-ħelsien mill-arrest kienu għadhom pendenti fil-jum tal-kommissjoni tar-reat. Fix-xhieda tiegħu l-Ispettur Joseph Mercieca ddikjara li huwa qiegħed jagħraf lill-imputat Wayne Delia bħala l-istess persuna li kien ingħata il-ħelsien mill-arrest.

Illi għalhekk jirriżulta li l-imputat Wayne Delia kiser il-kundizzjonijiet ta' ħelsien mill-arrest maħruġa minn dak iż-żmien il-Maġistrat Dr Josette Demicoli.

Għalhekk il-Qorti se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li l-Qorti tqis li din imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.

*15.* **Ir-Reċidiva:** *Barra minn dan l-imputat Wayne Delia huwa akkużat talli rrenda ruħu reċediv b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tiġi mibdula ai termini ta' l-Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Abela Paul** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar l-10 ta' Settembru, 2004 meta insibu s-segwenti dictum:

*"L-appellant gie akkuzat li sar recidiv in vista tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-1 ta' Lulju, 1997. Issa, fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Jason James Agius moghtija minn din il-Qorti fil-5 ta' Novembru, 2001, gie ritenut:*

*"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova tal-identita'.....l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova tal-identita'. Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati....".*

U fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Thomas Camilleri** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-17 ta' Ġunju 2020 ingħad li:

*"Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Zahra** moghtija minn din il-Qorti fl-24 ta' Frar, 2003, intqal: "Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, **l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti** kif ukoll billi jigi pruvat a sodisfazzjoni tal-qorti – permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk issentenzi precedenti – li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva".*

Il-Prosekuzzjoni eżebixxiet il-fedina penali tal-imputat u ppreżentat kopja legali tas-sentenza fl-ismijiet il-Pulizija vs Wayne Delia deċiża fis-26 ta' Settembru 2018 mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

Minkejja l-eżenzjoni tad-difiża, il-Prosekuzzjoni ippruvat ukoll li dik is-sentenza tirreferi għal imputat u dan għaliex f'din l-istess sentenza hemm l-isem u l-kunjom tal-imputat u anke l-karta tal-identità' tal-imputat.

Din il-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova sal-grad rikjest mill-liġi l-aggravant tar-reċidiva u sejra tqis lill-imputat bħala reċidiv.

Għalhekk il-Qorti se ssib u se tiddikjara li l-imputat huwa riċediv.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Għall-fini tal-piena l-Qorti ikkunsidrat il-fedina penali tal-imputat, il-fatt li huwa riċediv u qieset s-serjetà tal-każ.

Filwaqt li l-Qorti tirrikonoxxi li l-imputat huwa maħkum mill-vizzju misħut tad-droga, vizzju li minħabba fih qiegħed ikollu jirrikorri għar-reat tas-serq, madanakollu jidher b'mod ċar li minkejja li matul diversi snin l-imputat Wayne Delia ingħata diversi opportunitajiet sabiex jiġġieled il-vizzju tad-droga u jibdel ir-rotta ta' ħajtu, jidher li sfortunatament huwa għażel li ma jieħux dawn l-opportunitajiet u spiċċa biex inġarr mal-kurrent u ppermetta li l-vizzju tad-droga jiddettalu ħajtu.

Dak li għamel l-imputat jimmerita li jiġi indirizzat b'tali mod li jagħmel ġustizzja mal-partijiet leża, u dan fid-dawl li huwa seraq u kkawża diversi danni u spejjeż lill-partijiet leża li kienu qegħdin jippruvaw jaqilgħu l-għajxien tagħhom b'mod onest u bl-għaraq ta' ġbinhom. Filwaqt li s-sanzjoni applikabbli jeħtieġ li tkun waħda ċara u li tibgħat messaġġ ċar, madanakollu tenut kont anke tal-eta' tal-imputat li għadu se jagħlaq l-erbgħin sena, din il-Qorti se tipprova ssib dak il-bilanċ ġust bejn id-dritt tas-soċjetà li tgħix fi trankwillità u mingħajr biża li se tiġi misruqa u fl-istess waqt tagħti piena li twassal il-messaġġ ċar lill-imputat li ma jistax jibqa miexi fit-triq li qabad. Mhux l-intenzjoni tal-Qorti li taqta qalb l-imputat milli jirriforma ruħu, u għaldaqstant fil-perjodu li se jdum rinkarċerat huwa għandu jkun f'qagħda li jirrifletti, jirrealizza li jeħtieġ li jagħmel xi ħaġa biex jegħleb il-vizzju tad-droga, u finalment jibda bis-serjeta' t-triq tal-fejqan mid-droga u tar-riabilitazzjoni. Dan sabiex fil-mument li jirritorna fis-soċjeta', l-imputat ma jkunx ta' periklu għall-istess soċjeta', u għaliħ innifsu, u fl-istess waqt ikun jista' jgħix ħajja diċenti.

Dwar kif għandha tinħadem il-piena, il-Qorti qieset li l-imputat ġie akkużat b'diversi imputazzjonijiet li fl-istess mument li wettaq is-serq, wettaq ukoll ħsara volontarja.

Din il-Qorti tagħmilha ċara li hija ma tħossx li l-akkuża tal-ħsara volontarja ingħatat bħala alternattiva għar-reat ta' serq. Dan qiegħed jingħad għaliex ibda biex, l-akkuża tas-serq, taħt l-ebda immaġinazzjoni fertili ma tista' titqies bħala alternattiva tar-reat tal-ħsara volontarja. L-elementi tar-reat tas-serq prinċipalment jikkonsistu fit-teħid ta' proprjetà ta' ħaddieħor mingħajr awtorizzazzjoni għal skopijiet ta' gwadann mhux mistħoqq, huwa għal kollox distint u separat mill-elementi tar-reat tal-ħsara volontarja li bażikament jikkonsisti fl-animus nocendi li jikkaġuna ħsara fuq il-ġid ta' ħaddieħor.

Għalhekk dawn iż-żewġ reati m'humiex alternattivi għal xulxin għaliex is-serq hija ħaġa, u l-ħsara volontarja hija ħag'oħra kompletament differenti.

Din il-Qorti ssostni wkoll li lanqas wieħed ma jista jtenni li r-reat ta' ħsara volontarja huwa kompriż u involut fir-reat ta' serq. Tassew reat jitqies bħala kompriż u involut meta b'att kriminali wieħed, jiġu mwettqa żewġ delitti li jkunu tal-istess sura, bid-delitt l-aktar gravi jassorbi dak l-inqas gravi. Fi kliem ieħor, il-kunċett tal-kompriż u involut jirrifletti l-prinċipju *ad maiori ad minus*. Hekk pereżempju r-reat ta' sewqan traskurat hu kompriż u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluż jew ir-reat ta' ġrieħi ħfief huwa kompriż u involut fir-reat ta' ġrieħi gravi.

F'dan il-każ il-ħsara li l-imputat wettaq fil-bibien tal-istabbiliment biex seraq minn ġo l-istess stabbilimenti, mhuwiex reat kompriż u involut fis-serq iżda semmai l-iżgass serva bħala mezz għall-fini biex seta' jitwettaq is-serq. Jiġifieri l-imputat wettaq reat biex imbagħad seta' jwettaq reat ieħor. Minn din il-perspettiva, imbilli l-ħsara saret biex ikun jista jiġi kommess is-serq ma jfissirx b'daqshekk li r-reat tal-ħsara volontarja ma jikkonfigurax ruħu xorta waħda 'on its own merits' indipendentement mis-serq.

Naturalment pero meta jkun hemm delitti li jkunu servew bħala fini biex jitwettqu delitti oħra, bħalma hawn f'dan il-każ, fejn il-ħsara volontarja kienet imwettqa sabiex seta' jsir is-serq, dan il-fattur għandu jittieħed in konsiderazzjoni meta tinħadem il-piena. Fis-sens li meta jiġi mwettaq reat biex jiġi kommess reat ieħor, mhux ma jkunx hemm ħtija f'xi wieħed minn dawn ir-reati, iżda għall-fini ta' piena biss, din tiġi assorbita f'dak ir-reat aktar gravi. Għalhekk filwaqt li r-reat tal-ħsara volontarja per se jissussisti imma l-piena tiegħu tiġi assorbita fil-piena l-kbira f'dan il-każ tas-serq kwalifikat. Kif intqal fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Omissis** tal-5 ta' Ġunju 2003, *"Hija biss ghall-fini ta'piena li r-reat li serva bħala mezz għall-fini ma jittieħidx in konsiderazzjoni, imma dikjarazzjoni ta' ħtija dwaru jkun hemm dejjem u għalhekk dar-reat ikun jeżisti w jakkompanja lir-reat l-ieħor"*

Illi l-imputat fost l-oħrajn ġie akkużat b'imputazzjonijiet li jirrigwardaw serq aggravat bil-mezz (Art.263 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta), bil-ħin (Art. 270 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta) u bil-valur (Art. 267 u Art. 279 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta), li skond l-Artikolu 280(2) l-piena applikabbli hija dik ta' priġunerija għal żmien

bejn tlettax il-(13) xahar sa seba’ (7) snin, iżda minħabba li s-serq huwa ikkwalifikat ukoll bil-mezz, din il-piena għandha tiġi miżjuda bi grad.

Fir-rigward tas-seba’ imputazzjoni ma jirriżultax pruvat l-ammont li l-imputat kellu fil-pussess. Fin-nuqqas ta’ tali prova u l-fatt li fl-istqarrija tiegħu l-imputat sostna li xtara s-sustanza kokaina għalih, din il-Qorti ser tqis li l-ammont kien inqas minn żewġ grammi u għaldaqstant ser tapplika l-piena ai termini tal-artikolu 4 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta’ Malta u dan fid-dawl ta’ dak li jistipula l-artikolu 27 tal- Kapitolu 9. Dan hija jingħad għaliex ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 4 tal-Kapitolu 537 huwa kompriż u involut f’dak kontemplat fir-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużi Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Dan qiegħed jingħad għaliex filwaqt li r-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta bażikament jittrattaw ir-reat tat-traffikar, fil-każ tal-artikolu 4 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta’ Malta ir-reat hu marbut ma pussess sempliċi ta’ anqas minn żewġ grammi.

Fi kliem ieħor, persuna li tkun akkużata taħt ir-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużi Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta tista’ ma tinstabx ħatja taħt dawn ir-regoli kif sussegwentement emendati bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużi Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta iżda minflok tinstab ħatja taħt l- l-artikolu 4 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta’ Malta fejn il-piena għal dak ir-reat hija penali bejn ħamsa u sebgħin euro (€75) u mija u ħamsa u għoxrin euro (€125).

Fir-rigward tal-ksur tal-erba’ digrieti tal-kundizzjonijiet tal-libertà proviżorja l-Qorti filwaqt li sejra tirrevoka l-ħelsien mill-arrest tal-imputat Wayne Delia u sejra tordna l-arrest mill-ġdid tiegħu kif ukoll sejra tordna il-konfiska tad-depożiti madanakollu ma hijiex sejra tordna l-konfiska tal-garanziji personali.

## D. Konklużjoni

Għal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat Wayne Delia detentur tal-karta tal-identità' bin-numru 574785 (M) ħati tat-tmien (8) imputazzjoni u tad-disa' (9) imputazzjoni, miġjuba fil-konfront tiegħu u minnhom tilliberah u wara li rat l-artikoli 27, 41(1)(a), 49, 50, 262(1)(b), 262(b), 263(a), 263(b), 270, 279(a), 280(2), 325(b), 325(ċ), 325(d) 533, 579(1), 579(2), u 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Taqsimiet IV u VI, l-artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, r-Regolamenti 4 u 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 4 tal-Kapitolu 537 filwaqt li tiddikjara lill-imputat bħala reċidiv, issib lill-imputat Wayne Delia detentur tal-karta tal-identità bin-numru 574785(M) ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni, tat-tieni (2) imputazzjoni, tat-tielet (3) imputazzjoni, tar-raba' (4) imputazzjoni, tal-ħames (5) imputazzjoni, tas-sitt (6) imputazzjoni, tas-seba' (7) imputazzjoni, tal-għaxar (10) imputazzjoni, tal-ħdax (11) il-imputazzjoni, tat-tnax (12) il-imputazzjoni u tat-tlettax (13) il-imputazzjoni u tikkundannah għal piena ta' priġunerija għal żmien sittin (60) xahar li minnha għandu jitnaqqas kull żmien li l-imputat għamel arrestat in konnessjoni ma' dawn il-proċeduri biss, kif ukoll għal multa ta' mitt (€100) ewro.

Ai termini tal-artikoli 579(1), 579(2) u 579(3) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qegħda:

Tirrevoka il-ħelsien mill-arrest tal-imputat Wayne Delia u konsegwentement tordna l-arrest mill-ġdid tal-imputat Wayne Delia iżda ma tordnax il-konfiska tal-garanzija personali u dan fir-rigward tad-digriet tal-4 ta' Frar 2015.

Tirrevoka il-ħelsien mill-arrest tal-imputat Wayne Delia u konsegwentement tordna l-arrest mill-ġdid tal-imputat Wayne Delia u tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-ammont ta' elf ewro (€1000) li l-imputat kien ħallas bħala depożitu iżda ma tordnax il-konfiska tal-garanzija personali u dan a rigward tad-digriet tas-26 ta' Lulju 2016.

Tirrevoka il-ħelsien mill-arrest tal-imputat Wayne Delia u konsegwentement tordna l-arrest mill-ġdid tal-imputat Wayne Delia u tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-ammont ta' ħames mitt ewro (€500) li l-imputat kien ħallas bħala depożitu

iżda ma tordnax il-konfiska tal-garanzija personali u dan fir-rigward tad-digriet tal-15 ta' Novembru 2019.

Tirrevoka il-ħelsien mill-arrest tal-imputat Wayne Delia u konsegwentement tordna l-arrest mill-ġdid tal-imputat Wayne Delia u tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-ammont ta' ħames mitt ewro (€500) li l-imputat kien ħallas bħala depożitu iżda ma tordnax il-konfiska tal-garanzija personali u dan fir-rigward tad-digriet tat-2 ta' Frar 2021.

Minħabba li f'dawn il-proċeduri ma ġewx maħtura periti jew esperti, il-Qorti qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni li f'każ ta' ħtija l-Qorti tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna l-komunika ta' din is-sentenza lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali bil-għan li din tiġi nserieta permezz ta' nota fl-atti tal-kawżi li dwarhom ġie revokat il-ħelsien mill-arrest skont kif ordnat hawn fuq.

Il-Qorti finalment tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol mid-data tas-sentenza l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skennjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skennjata tas-sentenza.

**Maġistrat**
**Dr. Kevan Azzopardi B.A.,  LL.D.**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

**-------------------------------TMIEM-------------------------------**